CittaNotabile

# Minuti tal-laqgha numru 36 tas-seba Kunsill

| | |
|---|---|
| POST | Sala tal-Kunsill |
| DATA | 17 ta' Frar 2016 |
| HIN | 3.00 pm |

| Kariga | Isem | Inizjali | Presenza |
|---|---|---|---|
| Sindku | Peter SantManduca | PSM | Prezenti |
| Vici Sindku | Joseph Debono | JD | Prezenti |
| Kunsillier | Jane Attard | JA | Prezenti |
| Kunsillier | Camille Scerri | CS | Presenti |
| Kunsillier | Mary Ann Sultana | MS | Skuzata |
| Seg Ezekuttiv | Mark Mallia | MM | Prezenti |

**Is- SE ġie infurmat mill-Kunsilliera s- Sinjura Mary Ann Sultana li ma setatx tattendi l-laqgħa peress li kienet tinsab indisposta għax ma tiflaħx.**

**36.1** **Approvazzjoni tal-Minuti**

35.1.1 Il-Minuti tal-Laqgħa numru 35 gew approvati

**36.3** **Approvazzjoni Financial Statements 2015 u Bagit 2016**

36.3.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport Annwali Finanzjarju għas-sena 2015. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-accountants tal-Kunsill, Grant Thornton kienu preżenti.

36.3.2 Fuq mozzjoni tal-Vici Sindku li kien issekondat mill-Kunsilliera Camille Scerri, il-Kunsill unanimament approva r-rapport finanzjarju Annwali għas-sena 2015. Ir-Rapport Finanzjarju Annwali 2014 ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett

36.3.3 Is-Segretarju Eżekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport fuq l-estimi annwali għas-sena 2016, kienu prezentati għall-approvazzjoni tal-Kunsill.

36.3.5 Fuq mozzjoni tal-Kunsilliera Jane Attard li kien issekondata mill-Viċi Sindku Joe Debono, il-Kunsill unanimament approva l-estimi finanzjarji għas-sena 2015. L-estimi ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv bħala dokument korrett.

**36.4** **Korrispondenza**

36.4.1 Talba mingħand NRGY Events biex jagħmlu laqgħa mal-Kunsill b'rabta mal-Malta International Food Festival 2016 mis-6 sat- 8 ta' Mejju.

36.4.2 Talba mingħand Elaine Magro biex jingħata permess għal attivita' bis-sehem ta' torch bearers u drummers. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni basta l-attivita tispiċċa sat-8pm.

36.4.3 Rapport mill-Pulizija fuq l-istat ħazin tal-bridge li jagħti mir-Rabat jew Mdina għall-by pass ta' L- Imtarfa. Il-Kunsill ser jistenna għar-rapport tal-Perit tal-Gvern qabel ma jittieħdu l-azzjonijiet meħtieġa

36.4.4 Talba mis- Seminarju ta' L-Arcisqof għal permess biex isir pellegrinaġġ ġewwa l-Imdina fl- 4 ta' Marzu. Il-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni bil-kundizzjoni li ma jiċċaqalqux il-karozzi tar-residenti.

36.4.5 Talba mill- Point de Vue restaurant għal talba biex titpoġġa tabella ta' fire assembly. Il-Kunsill approva.

**36.5** **Approvazzjoni ta' Ħlasijiet u ħlasijiet ta' Petty Cash**

36.5.1 Fuq il-Mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' ħlasijiet li ġġib id-data tal-17 ta' Frar 2016 (mehmuża) li tammonta għas-somma ta' € 16,393.53.

36.5.2 L-iskeda ta' ħlasijiet kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Joseph Debono li kien issekondat mill-Kunsilliera Camille Scerri. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet. L-iskeda ta' ħlasijet ġiet iffirmata minn żewġ kunsilliera biex juru li hija dokument korrett.

**36.6** **Affarijiet oħra meqjusa urġenti**

35.5.1 Is- SE infurma lill-Kunsill li kellu talba mis- Sinjura Clare Camilleri biex jizdiedu is-siegħat tax-xogħol tagħha minn 20 siegħa fil-ġimgħa għal 25 siegħa. Il-Kunsill approva li din tibda b'dawn il-ħinijiet mill-1 ta' Marzu 2016.

Wara li ma kienx hemm affarijiet oħra, l-laqgħa ġiet aġġornata għal 22 ta' Marzu 2016.

| | |
|---|---|
| Peter Sant Manduca | Mark Mallia |
| Sindku | Segretarju Ezekuttiv |